# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NUMRU 2596

**Kaz Numru 3239/GV**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Christian Pullicino (24388M)**

**u**

**Cutajar Ltd (C4975)**

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

Illum 30 t'April, 2019

**Chairman: Dr. Geoffrey Vella B.A. LL.D**

## Introduzzjoni

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali, kif diversament ippresedut, permezz ta' rikors ipprezentat mill-Avukat Dottor Alessandro Lia ghan-nom tar-rikorrent, Christian Pullicino, fir-Registru Superjuri fil-15 ta' Mejju, 2014. Illi r-rikorrent qieghed issostni li s-Socjeta` ntimata hija responsabbli ghat-tkeccija ngusta tieghu u kif ukoll li tigi likwidata somma in linea ta' kumpens ghal din it-tkeccija ngusta u li s-Socjeta` ntimata ghandha thallas dik is-somma likwidata lir-rikorrent.

Illi mill-banda l-ohra s-socjeta` ntimata, Cutajar Ltd, irrabattiet dak riportat fir-rikors tar-rikorrent, permezz ta' Dikjarazzjoni tal-Kaz datata 15 ta' Settembru, 2014, fejn sostniet li t-tkeccija ma kinitx ingusta u ghalhekk l-ebda kumpens ma kien dovut lir-rikorrent, Christian Pullicino.

It-Tribunal, ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz u dan kif gie lilu pprezenatat mill-partijiet kontendenti. Illi t-Tribunal zamm tnax-il seduta (12) b'kollox fejn instemghu x-xhieda mressqa miz-zewg partijiet, u, in oltre, l-istess Tribunal evalwa l-provi mressqa quddiemu flimkien mad-dokumenti pprezentati mill-kontendenti partijiet.

Di piu, saret trattazzjoni miz-zewg difensuri tal-partijiet, u ta' dan, l-istess Tribunal ha in konsiderazzjoni l-istess argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjoni finali tal-istess difensuri. In oltre, ma kienx possibbli li dan it-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fi zmien xahar kif stipulat fil-ligi u dan stante l-limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi, bidla fic-*Chairperson* u kif ukoll minhabba talbiet ta' differimenti.

Illi, r-rikorrent kien rapprezentat mill-Avukat Dottor Alessandro Lia, mentri s-socjeta` ntimata kienet rapprezentata mill-Avukat Dottor Christine Calleja.

## Il-Fatti fil-Qosor tal-Kaz in dezamina.

Illi r-rikorrent kien gie mpjegat mas-socjeta` ntimata, bhala *Sales Representative,* mit-tlieta ta' Gunju tas-sena elfejn u tlettax (2013) fuq kuntratt ta' mpieg (Dok 'A'), liema kuntratt ta' mpieg kien soggett ghal prova ta' sitt (6) xhur skont il-ligi. Illi dan il-kuntratt ta' mpieg rega' gie mgedded fl-ahhar gurnata ta' prova tar-rikorrent mis-Socjeta` ntimata. L-imsemmi kuntratt ta' mpieg gie estiz sal-1 ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014) (Dok. 'B').

Illi, r-rikorrent kellu mpieg tieghu tterminat mis-socjeta` ntimata fit-tlettax ta' Marzu elfejn u erbatax (13/03/2014), bir-raguni li tinghata mis-Socjeta` ntimata tkun ta' *Termination During Probation*. Illi ghalhekk ir-rikorrent hass li dan l-agir tas-socjeta` ntimata jikkostitwixxi tkeccija ngusta u kif ukoll li sofra u ghadu jsofri danni reali li jikkonsistu f'telf ta' paga. In oltre, r-rikorrent inghata gimgha *notice* meta r-rikorrent kien ilu impjegat mas-socjeta` ntimata ghal aktar minn sitt (6) xhur u li l-istess tkeccija ngusta qieghda tirreka danni serji lir-rikorrent sabiex isib impieg iehor.

## Xhieda Prodotti f'din il-Kwistjoni ta' Xoghol

Illi f'din il-kwistjoni ta' xoghol gew ipprezenantati affidavit u kif tharrku diversi xhieda fosthom dirigenti tas-Socjeta` ntimata, haddiema tal-istess Socjeta` ntimata, u kif ukoll xehed ir-rikorrent.

Illi fis-seduta tas-17 ta' Novembru, 2014, xehed is-sur Mario Cutajar, Managing Director tas-socjeta' Cutajar Ltd. Dan ix-xhud spejga x'kien ix-xoghol tar-rikorrent, ossia dak ta' Sales Representantive u kif ukoll in-natura tal-istess. Is-Sur Cutajar sostna li r-rikorrent kien dam impjegat mas-socejta` taghhom madwar disa' xhur minn Gunju 2013 sa Marzu 2014.

Is-Sur Cuatjar irrileva li meta r-rikorrent kien se jispiccalu z-zmien tal-*probation*, ghal habta ta' Dicembru 2013, kien gie nnotat mill-figuri, li r-rikorrent kien ghamel 20% anqas f'bejgh. Ix-xhud qal li dan kien ipparagunat ma' bejgh ta' *salesmen* ohra[1].

Ix-xhud kompla jispjega l-figuri tad-dokumenti li pprezenta f'din is-seduta, fejn ix-xhud ipprezenta sitt (6) dokumenti (Dok. 'CL.1' sa Dok. 'CL.6'). Ix-xhud spjega li meta wasal iz-zmien li jaghlaq iz-zmien ta' prova (*probation period*) hu kien kellem dirett lir-rikorrent u nformah bis-sitwazzjoni xejn posittiva tieghu. Ix-xhud irrileva li kien qal lir-

[1] Seduta tas-17 ta' Novembru 2014 – Xhieda ta' Mario Cutajar.

rikorrent jew ikeccih jew igedded il-perjodu tal-*probation* u dan sabiex ir-rikorrent jinghata opportunita` ohra sabiex itejjeb il-figuri tieghu[2].

Dan ix-xhud kompla jispjega li r-rikorrent minflok kien ikun idur fil-hwienet sabiex ibiegh il-prodotti taghhom dan kien iqatta' hafna hin l-ufficcju li jinsab fi Triq l-Akwedott, Fluer-de-Lys, Birkirkara. Dwar dan l-atteggjament ix-xhud kien wissa lir-rikorrent verbalment dwar il-mod kif kien qieghed jagixxi u dan peress li l-figuri ta' bejgh tar-rikorrent kienu hziena hafna.

Ix-xhud wiegeb ukoll domandi in kontro-ezami fejn gie mistoqsi jekk qabel id-9.00 a.m. il-hwienet ikunux ghadhom maghluqin. Ix-xhud wiegeb li ghalkemm mhux kollha l-maggior parti taghhom ikun ghadhom maghluqin. In oltre, x-xhud wiegeb li qabel id-9.00 a.m. isir ix-xoghol tal-ufficcju. Ix-xhud sostna li hu qabbel il-figuri tal-bejgh kemm mas-*sales representative* ta' qabel ir-rikorrent u kemm ma' dak li dahal warajh[3].

Ix-xhud gie mistoqsi jekk ir-rikorrent kellux problemi biex ikollu l-*brochures* u materjal iehor necessarju biex ikun jista' juzahom waqt li jkun qieghed ibiegh il-prodotti. Ix-xhud sostna li r-rikorrent kien isemmi hafna problemi izda mhux li ma kellux *brochures* u materjal biex jahdem bih.

Ix-xhud kompla jwiegeb id-domandi in kontro-ezami fejn qal li l-akbar problema li kellha s-socjeta` kienet dik tas-Sur Pullicino. In oltre, x-xhud ikkonferma li kien hemm xi problemi ma' certi klijenti taghhom izda hu sostna li dawn il-problemi jsolvu ruhhom.

Ix-xhud ikkonferma ukoll li hu ma kienx jaf li ma setax ikun estiz il-perjodu tal-*probation* ghax kieku kien jaf hu kien ikecci lir-rikorrent f'dak il-perjodu[4].

Fis-seduta tas-27 t'April, 2015, xehed is-Sur James Harrison, *Sales Manager* tas-Socjeta` ntimata fejn wiegeb ghad-domandi tar-rapprezentanta legali tas-Socjeta` ntimata u ghad-domandi in kontro-ezami li sarulu mill-konsulent legali tar-rikorrent.

Dan ix-xhud spjega li hu jiehu hsieb is-*sales representatives* u kif ukoll jissorvelja l-operat taghhom. In oltre, dan xhud irrileva li hu kien ilu impjegat mas-Socjeta` ntimata wiehed u tletin (31) sena.

Dwar ir-rikorrent, dan ix-xhud spjega li ghal bidu li dahal hu kien idur mieghu fil-hwienet u dan sabiex ir-rikorrent jigi ntrodott mall-istess hwienet li kienu klijenti tas-socjeta` Cutajar Ltd. Din il-prassi ssir kull darba li jkun impjegat *sales representative* gdid. Wara ftit ir-rikorrent kien beda jdur ghal rasu fil-hwienet u r-rikorrent kien jirraporta lix-xhud u li dan mill-banda l-ohra kien jirraporta lid-diretturi tieghu[5].

---

[2] Ibid.
[3] Seduta 17 ta' Novembru 2014 – Xiehda ta' Mario Cutajar.
[4] Seduta 17 ta' Novembru 2014 – Xiehda Mario Cutajar in kontro-ezami.
[5] Seduta 27 ta' April 2015 – Xiehda ta' James Harrison.

Ix-xhud sostna li r-rikorrent kellu jdur fil-hwienet li kienu diga` klijenti ta' Cutajar Ltd u kif ukoll li jsib klijenti godda, u dan peress li dak hu xoghol is-*sales representative.* Ix-xhud irrileva li bhala bejgh ir-rikorrent kien beda jaqa' lura. Ix-xhud semma` li bdew jinnotaw li klijenti li kien jixtru b'tant ammont, dawn l-istess klijenti kienu bdew inaqqsu mix-xiri. Ix-xhud spejga li meta hu ndaga ghaliex kien qieghed jigri hekk ma' dawn il-klijenti, u li x-xhud fix-xiehda tieghu jsejjhilhom *key customers*, skopra minghand dawn il-klijenti li kien hemm problema mas-*salesperson*, ossia r-rikorrent. Ix-xhud sostna li r-rikorrent ma kienx bena relazzjoni tajba mall-klijenti tas-Socjeta` ntimata[6]. Ix-xhud kompla jispjega li r-rikorrent ma kienx qieghed ikun jaghti servizz tajjeb lill-klijenti tas-Socjeta` ntimata fejn, skont ix-xhud, ma kienx qieghed jintroduci prodotti godda mall-klijenti taghhom u kif ukoll ma kienx jaqdi lill-klijenti taghhom malajr.

Ix-xhud irrileva li f'certi hwienet u li x-xhud stess kien introduca lir-rikorrent maghhom, l-istess rikorrent ma kienx imur ghandhom sabiex ibiegh il-prodotti ta' Cutajar Ltd. Ix-xhud sostna li meta kien mar hu personlament kien gie nformat li ma kienux jafu min hu dan is-*sales representative*, ossia r-rikorrent.

Ix-xhud kompla jixhed billi rrimarka li l-bejgh kien baqa' niezel u hawn ix-xhud semma' prodotti li kienu jkunu godda u minflok ikunu nbieghu jkunu ghadhom ghandhom. Ix-xhud qal li hu kien spicca jmur ghand il-klijenti, li sejjhilhom *key customers*, personalment biex jara x'kien qieghed jigri. Ix-xhud irrimarka li dan kollu hu kien jafu peress li kien ilu wiehed u tletin sena u n-nuqqas ta' bejgh kien minhabba l-fatt li r-rikorrent ma kienx bena relazzjoni tajba ma' dawn il-klijenti (*key customers*) ta' Cutajar Ltd.

Ix-xhud sostna li meta ra dan kollu hu kellu jkellem lid-diretturi tieghu dwar dak li qieghed jigri. In oltre, x-xhud qal ukoll li r-rikorrent kien kellmu wkoll fejn ghamillu kuragg u qallu sabiex certi affarijiet ma jibqax jaghmilhom[7].

Ix-xhud wiegeb ukoll ghad-domandi in kontro-ezami tal-konsulent legali tar-rikorrent fejn gie mistoqsi x'kien qallu dan il-wiehed (klijent) li kien ilmenta mieghu, fejn ix-xhud wiegeb li dan il-klijent, li kien certu Antoine Vella ta' Domestica, kien qallu "*ma nistax niklikkja mas-salesman sfortunatament, ma nistax niklikkja, qalli kwazi kwazi kont niehu qata meta narah gej*"[8].

In oltre, x-xhud semma ukoll diversi stabillimenti li kienu qeghdin jillmentaw mir-rikorrent. Ix-xhud semma l-istabilimenti ta' Paulsons, Atrium, u semma lil certa

---

[6] Seduta 27 ta' April 2015 – Xiehda ta' James Harrison.
[7] Ibid.
[8] Seduta 27 ta' April 2015 - Xiehda in kontro-ezami James Harrison.

*salesgirl* bl-isem ta' Brooke li tahdem mall-Atrium u li kienet ilmentat ukoll dwar l-imgieba tar-rikorrent lejha.

Ix-xhud sostna li dawn l-istabilimenti kienu nformaw lilu personalment li r-rikorrent ma tantx kien imur ghandhom. Ix-xhud qal li b'paragun mas-*sales representative* ta' qabel ir-rikorrent, ta' qablu kien imur b'mod regolari.

Ix-xhud irrileva li d-ditta Delonghi u li s-Socjeta` ntimata hija l-agent taghha, ghandha diversi prodotti fosthom ktieli, *toasters*, *breakfast sets*, settijiet tal-kcina u li minn zmien ghal zmien ikun hemm prodotti godda. Ix-xhud irrefera ghaliha bhala *line up* gdida, ossia mudelli godda.

Ix-xhud sostna li bhala prezz dawn il-prodotti huma aktar gholjin minn prodotti ohrajn simili bhalhom. Ix-xhud spjega ukoll il-mod kif kien introduca sistema tal-katalogi online. Ix-xhud kompla jispjega li hu kien holoq sistema bil-PDF biex fiha jkun hemm kull informazzjoni fuq il-mudelli taghhom. In oltre ix-xhud irrileva li dan kien ukoll parti mix-xoghol ta' kull *sales person*, u ghalhekk xoghol ir-rikorrent ukoll. Ix-xhud ghad-domanda jekk kienx hemm miri (*targets)* ta' bejgh x'jintlahqu, x-xhud wiegeb li huma kienu jqabblu l-bejgh tax-xahar, max-xahar ta' qabel u sena, mas-sena passata. Izda ma jqabblux il-bejgh ta' kull *sales person* u dan peress li hafna mill-bejgh tal-prodotti kienu jkunu stagjonali. Ix-xhud spjega li meta dahal ir-rikorrent jahdem maghhom dan kellu vantagg peress li dik is-sena kien sar hafna bejgh tal-prodotti tax-xitwa, bhal *heaters*. Izda x-xhud irrileva li imbaghad is-sena ta' wara kien suq ftit vojt peress li s-sena ta' qabel kienet success bhala bejgh. Kien kwazi inbiegh kollox bhala *stock*[9].

Ix-xhud cahad li s-Socjeta` ntimata kellha l-figura ta' erbatax-il elf Ewro (€14,000) f'bejgh bhala mira kull xahar. Izda mill-banda l-ohra rrimarka li sabiex *sales represantitive* ikun elegibbli ghall-kummissjoni (*commission*) dan ried jilhaq il-mira ta' sitt elef Lira Maltin (Lm6,000). In oltre, x-xhud irrileva li hu ma jkunx involut fl-abbozzar tal-kuntratt ta' mpjieg. Ix-xhud kien biss involut meta tkun qieghda ssir l-intervista tax-xoghol (*interview*).

Ix-xhud irrileva li dakinhar tal-intervista hu kien baqa' mpressjonat bir-rikorrent peress li kien ippreparat hafna u li kien jaf x'qed jghid. Ix-xhud kien baqa' jiftakar li r-rikorrent kien qal li biex tkun *sales representative* tajjeb l-ewwel trid tkun taf tbiegh lilek innifsek. Ix-xhud kompla jispjega li l-imenti mill-klijenti taghhom generalment kienu jkunu dwar it-tiswijiet u dan peress li r-rikorrent ma kienx isegwi x'ikun gara. Ix-xhud semma', bhala ezempju, li mill-bejgh tal-*fans* kienu jidhlu xi whud minnhom ghat-tiswija u dawn kienu jkunu ta' klijenti taghhom li huma ditti kbar u li r-rikorrent ma kienx isegwi l-andament taghhom, ossia x'ikun gara.

[9] Seduta 27 ta' April 2015 – Xiehda in kontro-ezami ta' James Harrison.

Ix-xhud irrileva li meta kienu jidhol ilment lilu direttament, hu kien jinforma mmedjatament lir-rikorrenti sabiex isegwi dan l-ilment[10].

Fis-seduta tat-tmienja (8) ta' Gunju, 2015, ix-xhud James Harrison kompla bil-kontro-ezami tieghu fejn beda biex irrimarka li hadd mill-klijenti tas-Socjeta` ntimata ma kien qallu xejn hazin kontra r-rikorrent personalment izda biss il-mod tax-xoghol tieghu, relazzjoni bejn *salesman* u l-hanut partikolari li kien hemm ilmenti. Ix-xhud irrileva li Paul Abela, ta' Paulson's Home Centre, Antoine Vella, ta' Doemstic Home Centre u l-Atrium ma kienux jafu li s-Socjeta` ntimata kellha *salesman.*

Ix-xhud spjega li dawn il-klijenti kienu jilmentaw dwar il-fatt li ma kienx hemm kommunikazzjoni tajba mar-rikorrent u dan peress li meta jkollhom bzonn xi haga ta' malajr jew li tingabar xi tiswija ma kienux isibu koperazzjoni mir-rikorrent. Is-Sur Harrison stqarr, "*Ma setghux jikklikkjaw, le ghax kif ghidt dakinhar, is-salesperson mhux bhal kwalunkwe job, jista' jkollok, ma kienx hemm communication tajba*"[11].

Ix-xhud sostna li l-klijenti taghhom ma kienux ikunu jafu li kien hemm prodotti godda li s-Socjeta` ntimata tkun gabet u dan ghax dawn il-prodotti ma kienux gew offruti lilhom.

F'din l-istess seduta xehed ukoll Matthew Cutajar li fil-perjodu li kien impjegat ir-rikorrent kien jokkupa l-kariga ta' *Manager* mas-Socjeta` ntimata u li llum il-gurnata huwa l-*General Manager* ta' Cutajar Ltd minflok missieru, Mario Cutajar. Dan ix-xhud wiegeb ghad-domandi li sarulu mill-Avukat Jontahn Abela Fiorentino li f'din is-seduta assocja ruhu mad-Dottoressa Christine Calleja.

Dan ix-xhud spjega li r-rikorrent kien gie mpjegat minn missieru bejn Gunju 2013 sa Marzu 2014. Ix-xhud qal li r-rikorrent kien *sales representative* fuq *wholesale* fejn kien idur il-hwienet sabiex ibiegh apparat tad-djar (*household appliances*). Ix-xhud qal li kien hemm lista tal-hwienet li kellu jmur fihom ir-rikorrent u li din il-lista kien ghaddielu s-*Sales Manager* James Harrison u kif ukoll kien jintroducieh u jdawwru mall-istess hwienet. Dan kien isir sabiex ir-rikorrent jaqbad fix-xoghol tieghu. Ix-xhud sostna li r-rikorrent kellu jkompli jdur il-hwienet li kien hemm qabel u kif ukoll isib hwienet godda[12].

Dan ix-xhud irrileva li r-rikorrent kellu jara li kollox ikun miexi sew mall-klijenti tas-Socjeta` ntimata, specjalment jekk ikun hemm xi problemi, bhal tiswijiet u dan sabiex tinzamm relazzjoni tajba mall-klijenti taghhom. Ix-xhud sahaq li r-rikorrent kien imur ghand il-hwienet li kien hemm qabel pero` ma kienx sab klijenti godda. Ix-xhud sostna li r-rikorrent ma kienx juri interess biex isib klijenti godda.

---

[10] Ibid.
[11] Seduta 8 ta' Gunju 2015 – Xiehda in kontro-ezami James Harrison.
[12] Seduta ta' 8 ta' Gunju 2015 – Xiehda ta' Matthew Cutajar.

Ix-xhud baqa' jsostni li ma kienux kuntenti bil-prestazzjoni tar-rikorrent u dan peress li bhala bejgh ir-rikorrent kien mar lura u mhux il-quddiem. Ix-xhud sostna li personalment hadd mill-klijenti ma kien ilmenta mieghu fuq ir-rikorrent u dan peress li f'dak il-perjodu hu ma kienx involut direttament mall-hwienet. Ix-xhud qal f' Jannar 2014 kien mar idur fil-hwienet ma' James Harrison sabiex jaraw x'ikun ghaddej u kien hawnhekk li bdew jindunaw x'kien qieghed jigri. Ix-xhud irrileva li skoprew li r-rikorrent ma kienx rabba relazzjoni tajba mall-klijenti taghhom.

Ix-xhud kompla jsemmi li ta' Domestic Home Centre kien kellimhom u qallhom li ghalkemm ma kellu xejn xi jghid kontra r-rikorrent ma kellux approach tajba mieghu meta jigi biex joffrilu l-prodotti. In oltre, s-Sur-Cutajar sostna li r-rikorrent kien jinnervja lil ta' Domestic Home Centre u li qatt ma klikkja mieghu (mar-rikorrent). Ix-xhud zied li tal-Atrium bil-kemm kienu jafu bir-rikorrent u li l-ordnijiet bdew jonqsu. Ix-xhud emfasizza li kien bis-sahha ta' James Harrison li s-socjeta` Cutajar Ltd kienet regghet li rega' bena relazzjoni tajba ma' Homemate kieku kien ikun hemm dizastru. Dan jidher sostna x-xhud mill-figuri li bdew telghin bhala ordnijiet ma' Homemate.

Ix-xhud irrileva li r-rikorrent lanqas tmien (8) sighat xoghol ma kien qieghed jaghmel u li ta dan kienu gabu l-provi permezz tad-Datatrak. Ix-xhud spjega li r-rikorrent kien jidhol x-xoghol xi 9.00 a.m. kien jaghmel xi siegha gewwa u wara kien johrog idur il-hwienet. Wara kien jerga' jidhol u kien idum madwar xi siegha ohra jew aktar. Skont ix-xhud ir-rikorrent ma kienx jaghmel tmien sieghat xoghol, jekk kien jaghmel kienu xi hames sighat. Dan kien ifisser ir-rikorrent ma kienx ikollu hin biex joqghod idur biex isib klijenti godda.

Ix-xhud ghamel enfasi ukoll dwar il-fatt li fix-xhur ta' Ottubru u Dicembru il-bejgh kien tajjeb u dan peress li f'dawn ix-xhur, skont ix-xhud il-bejgh ikun facli, specjalment ghall-appart tas-shana (*heating appliances*) u dan ghax l-ordnijiet ikunu facli. Mill-banda l-ohra fix-xhur ta' Jannar u Frar l-bejgh beda niezel u kien hawn li r-rikorrent kellu juri l-kapacitajiet tieghu bhala *salesperson*. Ix-xhud kompla jispjega li hu meta ra hekk u dan meta r-rikorrent lanqas kien qieghed jahdem il-hin tax-xoghol tieghu kien iddecieda li jiehu azzjoni.

In oltre, x-xhud irrileva li r-rikorrent kien inghata katalgu bil-*brochures* kollha tal-prodotti taghhom u li r-rikorrent kellu jzommu aggornat bil-prodotti l-godda li jkunu waslu. Dan kien parti mix-xoghol tar-rikorrent u kif ukoll kollox kien *online*, ghalhekk ir-rikorrent ma kellu l-ebda problema u f'kaz li kien isib problema zgur li kien isib l-ghajnuna minnhom, specjalment minn James Harrison.

Ix-xhud semma ukoll il-fatt li r-rikorrent kien jilmenta li l-prodotti tas-Socjeta` ntimata kienu gholjin, xi haga li ghax-xhud ma kinitx taghmel sens. Ix-xhud sostna li l-prodotti taghhom huma ta' kwalita` tajba u ghalhekk il-prezz huwa gholi aktar minn prodotti simili bhalhom.

Ix-xhud kompla x-xhieda tieghu billi enfasizza fuq il-fatt li s-*sales representative* l-gdid, ossia dak li gie impjegat wara r-rikorrent, qieghed ikollu rizultati ferm ahjar mir-rikorrent u dan peress li zied il-bejgh u kif ukoll li sab klijenti godda, fejn ix-xhud testwalment jghid "*ftahna new accounts*".

In kontro-ezami x-xhud ikkonferma li kien hu li ttermina l-impieg tar-rikorrent peress li r-rikorrent ma kienx sejjer tajjeb. Ix-xhud ikkonferma li l-formula tat-terminazzjoni tal-impieg tar-rikorrent kien lestiha hu. In oltre, dwar klijenti godda li kien sab ir-rikorrent, ix-xhud wiegeb li jekk dawn xtraw minghandhom, xtraw prodotti zghar jew f'ammonti zghar li ma jqieshomx klijenti rilevanti ghall-kumpanija taghhom. Ix-xhud semma' biss lill-istabiliment Homeglow li baqa' klijent taghhom u li kien introdott mir-rikorrent bhala klijent, ghalkemm il-kumpanija tqis dan il-klijent bhala klijent zghir.

Ix-xhud ghad-domonda dwar ic-cifra fil-limitu (*threshold*) ta' €14,000 li *sales representative* irid jilhaq, wiegeb li din ma tfisser xejn. Din ic-cifra hija biss minimu ta' bejgh[13].

Fis-seduta sussegwenti, mizmuma fl-1 ta' Frar, 2016, l-istess xhud, Matthew Cutajar, ipprezenta lista ta' seba' klijenti, fuq domanda in kontro-ezami mir-rapprezentant legali tar-rikorrent (Dok. 'MC.1') dwar klijenti godda li s-*sales representative*, li rrimpjazza r-rikorrent, kien irnexxilu jsib. Is-*sales representative* l-gdid kien fetah il-kontijiet ta' dawn is-seba' klijenti minn April 2014 sa Dicembru 2014. In oltre, x-xhud ikkonferma li dan is-*sales representative* kien ghadu fl-impieg tieghu sa dik il-gurnata. Ix-xhud insista li dan l-impjegat il-gdid bl-isem ta' Charlot Borg kien irnexxilu jsib klijenti godda fi zmien tmien xhur u li ghalih kien tajjeb hafna.

Fuq domanda in ri-ezami mir-rapprezentanta legali tas-Socejta` ntimata, x-xhud ikkonferma li s-sitwazzjoni marret ghall-ahjar sahansitra mall-klijenti ta' qabel u li fi zmien ir-rikorrent kienu marret lura. Skont ix-xhud dawn il-klijenti ziedu l-bejgh ma' Cutajar Ltd u x-xhud semma' l-istabilimenti ta' Gardenia, Home and Gifts, Homemate, u Atrium. In oltre, l-klijenti li kien fetah kontijiet (*accounts*) taghhom ir-rikorrent kien ukoll zammhom l-impjegat il-gdid, Charlot Borg. In oltre, sostna li ghalkemm kien hemm xi hwienet ohra li r-rikorrent kien ibiegh il-prodotti lilhom, dawn kienu ta' darba u ghalhekk ma kienux baqghu meqjusa bhala klijenti regolari[14].

Illi fis-seduta tal-31 t'Ottubru, 2016, xehed permezz ta' affidavit ir-rikorrent, Christian Pullicino, u kif ukoll gie ezaminat mill-konsulent legali tieghu, Av. Alessandro Lia. Fl-affidavit tieghu r-rikorrent semma kif kien gie mpjegat u kemm kellu paga fil-gimgha, oltre, li kien hemm kummissjoni (*commission*) ta' 1% fuq l-ewwel €14,000, esluzi l-

---

[13] Seduta ta' 8 ta' Gunju 2015 – Xiehda ta' Matthew Cutajar.

[14] Seduta ta' 8 ta' Gunju 2015 – Xiehda ta' Matthew Cutajar.

V.A.T. tal-flus li jkun gabar f'dak ix-xahar. Di piu, l-kummissjoni kienet tawmenta 1.5% jkun hemm aktar minn €14,000 ta' flus migbura f'dak ix-xahar.

Ir-rikorrent spjega li kien James Harrison li kien introducieh mall-hwienet fejn kellu jmur ibiegh il-prodotti u li dawn kienu gia stabiliti bhala klijenti ta' Cutajar Ltd. Ix-xhud sostna li diversi klijenti kienu ddizappuntati dwar il-mod kif kienu qedghin ikunu trattati mis-Socjeta` ntimata kemm fil-passat u kif ukoll f'dak il-perjodu.

Ix-xhud irrileva li s-Socjeta` ntimata kienet qieghda toffri qliegh ta' 20% biss fuq il-prodotti taghha lil dawn il-hwienet u li kienu bejn 5% u 15% anqas minn dak li kienu joffru l-kompetituri tas-Socjeta` ntimata. Ix-xhud sostna li hu kien beda jsibha difficli sabiex jilhaq certu bejgh u dan peress li numru ta' klijenti kienu qeghdin jibqghu lura milli jixtru l-prodotti ta' Cutajar Ltd[15].

Ix-xhud kompla jsemmi fl-affidavit tieghu bin-nuqqasijiet tas-Socjeta` ntimata mall-klijenti taghha, fosthom li ma kinitx taghti *on consignment,* kif kienu jaghmlu agenti ohra, u cioe` meta klijent kien jinqabad b' xi prodotti li ma kinux jinbieghu wara certu zmien, dawn ma setghux jirritornaw il-prodotti lura lis-Socjeta` ntimata kif kienu jaghmlu agenti ohra fejn kienu jirrifondu l-flus.

Ix-xhud irrileva li kien hemm diversi problemi ohra li kienu qeghdin jirriskontraw il-klijenti tas-Socjeta` ntimata u dan kollu kien qieghed jaghmilha difficli lir-rikorrent sabiex jilhaq il-miri tal-bejgh.

Ix-xhud sostna li kif kien wasal iz-zmien li jiskadi z-zmien ta' prova, ossia s-sitt xhur, is-Sur Mario Cutajar kien indeciz jekk hu jibqax jahdem maghhom jew le, izda fl-ahhar kien iddecieda li r-rikorrent jibqa' jahdem maghhom. Ix-xhud irrileva li s-Sur Cutajar kien qallu li ma kienx daqshekk sodisfatt bil-bejgh tieghu f'dak il-perjodu izda mill-banda l-ohra ma kienx daqshekk dizastruz. Kien ghalhekk li kien iddecieda li jgedded iz-zmien tal-prova tar-rikorrent.

Ir-rikorrent fl-affidavit tieghu jelenka erba' cifri li hu kien gabar bhala pagamenti bejn ix-xhur ta' Dicembru 2013 sa Marzu 2014, liema cifri jindikaw li r-rikorrent kien gabar ammonti ta' bejgh ta' aktar minn erbatax-il elf Ewro (€14,000), l-ammont li kien il-mira ta' bejgh ta' kull impjegat responsabbli mill-bejgh tal-prodotti tas-Socjeta` ntimata[16].

Ix-xhud fl-affidavit tieghu kompla jelenka l-hwienet li kienu jixtru u li whud minnhom kienu naqsu l-bejgh jew addirittura ma baqghux jixtru minghand is-Socjeta` ntimata minhabba problemi mall-istess socjeta` Cuatajr Ltd.

[15] Seduta tal-31 ta' Ottubru 2016 – Affidavit ta' Christian Pullicino.
[16] Seduta tal-31 ta' Ottubru 2016 – Affidavit ta' Christian Pullicino.

Ix-xhud ghalaq l-affidavit tieghu billi sostna li Cutajar Ltd kieu baqghu passivi quddiem dawn il-problemi u li kienu jippretendu li r-rikorrent kif sostna hu stess "naghmel il-mirakli". Ix-xhud sahaq li hu gie uzat minn Cuatajr Ltd sabiex isodd it-toqob. Is-Sur Pullicino sostna li kien ghalhekk li meta s-Socjeta` nitimata ma kellhiex bzonnu aktar kienet itterminatlu l-impieg[17].

Fl-istess seduta r-rikorrent wiegeb ukoll ghal domandi li sarulu mill-konsulent legali tieghu u r-rikorrent spjega li wara Marzu 2014, u cioe f' Lulju, hu kien gie mpjagat bhala *casual substitute clerk*, il-Qorti. Ix-xhud dam xahrejn f'din il-kariga u wara kien impjegat ma' Express Trailers Ltd fuq bazi full time. In oltre, x-xhud sostna li hu kien dam impjegat ma' Express Trailers Ltd sena u disa' xhur u li wara kien dahal jahdem ma' Environmental Landscapes Consortium (ELC) bhala *store keeper*.

Ix-xhud sahaq li bhala salarju f'dawn l-impjiegi msemmija hu kellu €900 *gross* fix-xahar, u li zdiedu ghal €950 fi-xahar, fis-sena 2016. Ma' E.L.C. ir-rikorrent ghandu paga ta' €9400 *gross* fis-sena. Ix-xhud sostna li bhala salarju ma' Cutajar Ltd hu kellu €219 fil-gimgha u dan is-salarju kien jeskludi 1% ta' kommissjoni (*commission*) tal-€14,000 li jkun gabar bhala bejgh u 1.5% fuq il-flus li jkunu gabar li jaqbzu €14,000. Ix-xhud sostna li skont il-kalkoli li kien ghamel hu u kien jaqbad ukoll madwar €212 fix-xahar bhala *commission*. In oltre, x-xhud sostna li l-*commission* kienet tithallas kull tlett (3) xhur.

Ix-xhud cahad li qatt kellu xi twissijiet kemm mis-sinjuri Mario Cutajar, Matthew Cutajar u kif ukoll mis-Sur James Harrision, la bil-fomm u lanqas bil-miktub. In oltre, x-xhud cahad ukoll li kellu xi problemi ma' xi mpjegata tal-istabbiliment, Homemate, u li kien skantat kif sar jaf b'din il-problema fil-mori ta' din kawza. Ix-xhud sostna li lilu hadd qatt ma kien qallu xejn jew gibidlu l-attenzjoni dwar din il-problema.

Ix-xhud kompla jishaq li meta s-sitt xhur zmien ta' prova (*probation period*) kien wasal biex jiskadi kien baghat ghalih is-Sur Mario Cutajar u pprezenta karta lix-xhud fejn kienet tghid li l-impjieg tar-rikorrent kien se jigi mgedded ghal sitt xhur ohra. Ix-xhud sahaq li hu jhoss li kien kostrett jiffirma din l-estensjoni tal-perjodu ta' prova. Ix-xhud qal li tlett xhur u nofs wara l-impjieg tieghu gie tterminat u skont id-dokument tal-E.T.C., kif kienet maghrufa fil-perjodu in dezamina, u llum maghruf bahla JobsPlus, dan id-dokument kien jindika li l-impjieg tar-rikorrent gie tterminat bhala "*termination during probation*[18]".

Fis-seduta tas-27 ta' Marzu, 2017, ir-rikorrent Christian Pullicino xehed in kontro-ezami, liema kontro-ezami sar mill-konsulent legali tas-Socjeta` ntimata, d-Dottoressa Christine Calleja. Ghad-domanda jekk il-kummissjoni ta' 1% kinitx biss bhala skala (*commission scale*) sabiex jigi kkalkulat il-hlas tal-kummissjoni, u dan skont il-kuntratt

[17] Ibid.
[18] Seduta 31 ta' Ottubru 2016 – Xiehda ta' Christian Pullicino ezaminat mill-avukat Alessandro Lia.

ta’ mpjieg, x-xhud wiegeb li jekk kienu jinqabez il-bejgh ta’ €14,000 fix-xahar il-kummissjoni kienet tawmenta ghal 1.5%. Ix-xhud sostna li ghalhekk ghalkemm fil-kuntratt ma kien hemm xejn stipulat f’dan is-sens hu kien tal-opinjoni li mpjegat kellu jilhaq il-mira ta’ €14,000 f’bejgh fix-xahar.

In oltre, sahaq li kien hemm diversi problemi minhabba l-fatt ta’ qligh baxx mill-klijenti tas-Socjeta` ntimata. Ix-xhud kompla jsostni li ghalkemm hu stess kien qal lil James Harrison u l-istess Harrison kien jisma’ dawn l-ilmenti, James Harrison ma seta` jaghmel xejn u dan peress li d-decizjoni finali ma kinitx tieghu (James Harrison). Ix-xhud irrileva li d-decizjoni finali kienet ta’ Mario Cutajar.

Ix-xhud ikkonferma li hu ma kellu l-ebda esperjenza fuq dan it-tip ta’ xoghol u cioe` ta’ bejgh (*sales representative*) u dan kien l-ewwel impjieg tieghu f’din il-linja tax-xoghol. In oltre, x-xhud ikkonferma ukoll li l-problemi tal-*after sales* kienu gia jezistu qabel ma dahal hu.

Dwar il-laqgha li kellu mas-Sur Mario Cutajar ir-rikorrent sostna li s-Sur Cutajar qatt ma kien qallu l-kliem li kien ser itih cans iehor. Skont ix-xhud il-kliem tas-Sur Mario Cutajar kien li kien indeciz jekk hu jkomplix jahdem mieghu jew le. Ir-rikorrent baqa’ jsostni hu ma kellu l-ebda ghazla hlief li jiffirma l-estensjoni tal-perjodu ta’ prova[19].

Ir-rikorrent semma xi mpjegati ohra li kienu jahdmu fl-istess pozizzjoni tieghu mas-Socjeta` ntimata u li tkeccew u li wiehed minnhom, skont ix-xhud, tkecca bla raguni. Ir-rikorrent irrileva li hu kien jahdem mid-9.00 sa 13.00 u ghall-habta ta’ bejn it-15.00 u l-16.00 kien imur l-ufficcju u wara l-16.00 kien jerga’ johrog idur il-hwienet. In oltre, r-rikorrent sostna li gieli dam sal-17.00, izda gieli dam ukoll sas-19.00.

Ir-rikorrent ikkonferma li kien dam tlett xhur u nofs bla xoghol u wara kien dahal jahdem il-Qorti, sussegwnetment dahal mall-Express Trailers u kif ukoll ma’ E.L.C. Ix-xhud wiegeb ghad-domanda l-ghaliex kien telaq minn ma’ Express Trailers fejn hu sostna li kien telaq peress li kien idum hafna ghax-xoghol[20].

Ir-rikorrent f’din is-seduta wiegeb ukoll ghad-domandi tal-konsulent legali tieghu fejn gie mistoqsi dwar il-problema tal-*after sales*. Ir-rikorrent wiegeb li dawn il-probelmi ghalkemm kienu gia hemm hu kien beda jiskoprihom meta kien ghamel dawk il-gimghatejn idur ma’ James Harrison. Ix-xhud irrileva li meta beda jdur wahdu kien beda jinduna li fil-passat kien hemm hafna dizgwid dwar din il-problema. In oltre, x-xhud sostna li bhala tahrig hu ma kien inghata xejn hlief dawk il-gimghatejn li ghamel idur ma’ James Harrison. Ix-xhud rega’ sostna li hu kien kellem lil James Harrison dwar dawn il-problemi izda Harrison ma kienx jidhol f’dawn il-kwistjonijiet tal-*after sales*. Ix-

[19] Seduta 20 ta’ Marzu 2017 – Xiehda in kontro ezami ta’ Christian Pullicino.
[20] Ibid.

xhud qal li meta kien jghid lil Harrison dwar dawn il-problemi specjalment tar-rati zvantagguzi li kienet toffri s-Socjeta` ntimata, u jekk kienx kellem lil Mario (Cutajar), Harrison kien jghidlu li ma kienx se jkellmu fuq hekk, ghax fi kliem Harrison dawn kienu proposti ndecenti[21].

Ix-xhud sahaq li l-impjegati li kienu qablu kienu sabu ukoll problemi dwar dawn l-offerti li kienu zvantagguzi meta jigu kkomparati ma' dawk tal-kompetituri tas-Socjeta` ntimata. Ix-xhud baqa' jsostni li z-zewg impjegati li kien hemm qablu kienu rriskontraw diversi ilmenti minghand diversi klijenti tas-Socjeta` ntimata kemm dwar l-*after sales* u kemm dwar l-iskonti (*discounts*) li Cutajar Ltd kienet toffri lill-klijenti taghha. Dan kollu x-xhud sar jafu minghand dawn iz-zewg impjegati personalment.

Ir-rikorrent ipprezenta ukoll djarju, Dok. 'CP2', li fih kien inizzel l-ordnijiet tax-xoghol li kien jaghmel fil-perjodu li hu dam impjegat mas-Socjeta` ntimata u kif ukoll ktejjeb (*booklet*) li fih kien izomm il-*business cards*, Dok. 'CP3', tal-klijenti tas-Socjeta` ntimata. Ir-rikorrent irrileva illi hu fil-perjodu li kien gie mgedded iz-zmien ta' prova tieghu hu kien gabar ammont ta' l-fuq minn tlieta u tletin elf Ewro (€33,000) u dan fix-xahar ta' Frar. Ix-xhud ikkonferma fuq domanda tar-rapprezentanta legali tas-Socejta` ntimata illi dan l-ammont ikun gej minn bejgh li jkun sar fix-xhur ta' qabel u mhux necessarjament f'dak ix-xahar partikolari[22].

Illi fis-seduta tal-erbatax (14) ta' Novembru, 2017, ir-rikorrent ipprezenta ukoll zewg dokumenti li kienu garanzjiji tal-prodotti tas-Socjeta` ntimata. Ix-xhud sostna li hu kien isib hafna problemi minhabba t-tielet parti. Ix-xhud spjega li jekk ikun hemm xi problema bil-prodott, klijent kellu jipprezenta l-ircevuta fiskali u sabiex jinghata s-servizz taht il-garanzija, u li din kienet fit-tielet parti tal-garanzija. Ix-xhud qal li kien ikun hemm sitwazzjonijiet fejn klijent kien jew jitlef l-ircevuta fiskali jew l-ircevuta fiskali kienet ticcara u tibqax leggibbli.

Ix-xhud sahaq li din il-parti kien izommha tal-hanut li hu ikun bieghlu l-prodotti u wara kien jerga' jghaddihom lilu. Ix-xhud sostna li din kienet il-problema kollha. In oltre, x-xhud irrileva illi hu, min-naha tieghu kien jghaddihom lis-segretarja u li skont ix-xhud kienu jispiccaw fil-barmil taz-zibel. Ir-rikorrent sostna li dan kollu lilu kien qieghed jaqlalu hafna nkwiet u dan peress li meta klijent kien ikollu prodott li jkun ghadu bil-garanzija u ma jkollux l-ircevuta fiskali kienu jduru fuqu u jghidulu li hu suppost ghandu din il-parti tal-garanzija[23].

Ix-xhud irrileva li hu kien irrpaporta b'dan kollu lil Mario Cutajar u wara kien kompla ma' ibnu Matthew Cutajar. In oltre, x-xhud ipprezenta ukoll ktejjeb li kien hareg wara

[21] Seduta 20 ta' Marzu 2017 – Xiehda in ri-ezami ta' Christian Pullicino.
[22] Ibid.
[23] Seduta tal-14 ta' Novembru 2017 – Xiehda ta' Christian Pullicino.

li kien tkecca hu. F'dan il-ktejjeb, Dok. 'AB1' u Dok. 'AB2', hemm nieqsa dik il-parti li hu kien gibed l-attenzjoni fuqha.

## Trattazzjoni Finali

Illi s-Socjeta` ntimata pprezentat nota ta' sottomisjonijiet datata 19 ta' Jannar, 2018, permezz tal-konsulnet legali taghha, Dottoressa Christine Calleja, mentri l-konsulent legali tar-rikorrent Dottor Alessandro Lia ghamel trattazzjoni verbali fis-seduta tat-22 ta' Mejju, 2018. Fl-imsemmija nota ta' sottomisjonijiet, ir-rapprezentanta ssottomettiet illi s-Socjeta' ntimata kienet genwina meta gie mgedded il-perjodu ta' prova tar-rikorrent u li dan sar sabiex ir-rikorrent jinghata opportunita` ohra minflok jitkecca. In oltre, gie sottomess ukoll li r-rikorrent tkecca mill-impieg tieghu stante li ma kienx qieghed iwettaq id-dmirijiet tieghu fil-livell mistenni minnu.

Dottoressa Calleja fin-nota ta' sottomisjonjiet taghha taghmel referenza ghal dak li xehed Mario Cutajar fejn gew ipprezentati tlett dokumenti li jindikaw il-paragun fil-bejgh li kien sar minn Vince Zammit, il-persuna li kien impjegat qabel ir-rikorrent, bejn il-perjodu ta' Gunju 2012 sa l-31 t'Awwissu, 2012, il-bejgh tar-rikorrent kemm dam impjegat mas-Socjeta` ntimata u kif ukoll ta' Charlot Borg, il-persuna li giet impjegata wara r-rikorrent. Illi skont dawn ic-cifri r-rikorrent ghamel ghoxrin elf (€20,000) inqas bhala bejgh meta jsir paragun mall-bejgh taz-zewg impjegati l-ohra.

L-istess gie sottomess dwar dak li xehed James Harrison u cioe` li fil-perjodu li kien impjegat ir-rikorrent il-bjegh beda niezel minflok jitla'. In oltre, dwar il-problemi li semma' r-rikorrent gie ribadit fin-nota ta' sottomissjonijiet li dawn il-problemi kienu hemm ukoll ghall-impjegati l-ohra u mhux ghar-rikorrent biss[24].

Dwar il-hinijiet tar-rikorrent ir-rapprezentanta tas-Socjeta` ntimata sottomettiet illi Mario Cutajar kien ipprezenta tlett (3) dokumenti li juri d-*data track records* tal-vettura li kien juza r-rikorrent ghax-xoghol u li dawn jindikaw li r-rikorrent ma kienx jaghmel tmien (8) sighat xoghol. In oltre, din verzjoni kienet giet ikkorroborata minn Matthew Cutajar fejn kien xehed li r-rikorrent ma kienx qieghed ikun prodottiv fil-bjegh tieghu.

Dottoressa Calleja fin-nota taghha ssostni li kien ghal dawn ir-ragunijiet li tkecca r-rikorrent u kif ukoll minhabba l-attitudni xejn professjonali tal-istess rikorrent. Hawnhekk saret referenza ghall-problemi li r-rikorrent kellu mall-istabillimenti, Domestic Home Centre, Atrium u Homemate, fejn f'dan tal-ahhar l-attegjament tar-rikorrent kien urta lil wahda mill-impjegati[25].

---

[24] Nota ta' sottomissjonijiet, Av. Christine Calleja pagna 2.
[25] Nota ta' sottomissjonijiet, Av. Christine Calleja pagna 3.

In-nota ta' sottomissjonijiet tas-Socjeta` ntimata tikkonkludi li kienu dawn il-fatturi kollha li ttiehdet din id-decizjoni li jitkecca r-rikorrent u ghalhekk it-tkeccija tieghu kienet ghal raguni tajba u sufficjenti.

It-trattazzjoni finali ta' dan il-kaz saret fis-seduta tat-22 ta' Mejju, 2018, u d-difensur tar-rikorrent, l-avukat Alessandro Lia, beda billi semma' kif ir-rikorrent kien beda l-impieg tieghu mas-Socjeta` ntimata u li kif tipprovdi l-ligi hemm il-perjodu tas-sitt xhur bhala prova, ossia l-*probation period*. Ir-rapprezentant tar-rikorrent ghamel referenza ghall-fatt li gurnata jew tnejn qabel l-iskadenza tal-perjodu tal-imsemmija sitt xhur, ir-rikorrent gie msejjah sabiex jiffirma estensjoni tal-perjodu ta' prova, liema estensjoni ta' dan il-perjodu qatt ma giet ikkonetestata mis-Socjeta` ntimata.

L-avukat Lia fit-trattazzjoni tieghu sostna li dan kollu huwa ksur ta' dak li jistipula artikolu 36 tal-Kap 452 dwar il-perjodu tal-prova. In oltre, kompla jsostni Dottor Lia, hemm ukoll terminazzjoni li hija ngusta u dan stante li fid-disa' xahar ir-rikorrent kellu l-impieg tieghu tterminat.

Fit-trattazzjoni saret referenza ukoll ghall-fatt li l-ligi taghmel eccezzjoni biss sabiex l-imsemmija sitt xhur jigu estezi ghal certi karigi bhal *managerial posts*, ghall-karigi teknici, ezekuttivi amministrattivi jew ta' diretturi, izda mhux ghall-kaz in dezamina. Ghalhekk kompla jsostni d-difensur tar-rikorrent kull zmien li jeccedi s-sitt xhur huwa llegali minbarra fl-istanti kontemplati fil-ligi[26].

Il-mod kif ir-rikorrent kellu jffirma l-estensjoni ukoll saret bi pressjoni zejda meta din saret gurnata jew tnejn qabel l-eghluq tas-sitt xhur u kif sostna Dottor Lia, ir-rikorrent kien "*at the mercy tal-imghallem*".

In oltre, saret referenza ghall-fatt li s-Socjeta` ntimata genwinament, ossia in *buona fede,* ma kinitx taf li din l-estensjoni tal-perjodu tas-sitt xhur ma setghetx issir. L-avukat tar-rikorrent irrimarka li kumpanija bhal ma hija s-Socjeta` ntimata ma tistax tkun kredibbli f'dan ir-rigward tenut kont tal-fatt li s-Socjeta` ntimata ilha zmien twil timpjega nies maghha. In oltre, lanqas ma tista' tigi emmnuta l-verzjoni moghtija mill-ufficjali tas-Socjeta` ntimata fejn sostnew li r-rikorrent inghata opportunita` ohra minflok jitkecca.

Dr. Lia sahaq li r-rikorrent kellu jiehu decizjoni dwar jekk iggeddiedx il-perjodu ta' prova jew le meta sab ruhu rinfaccjat b'decizjoni li kellu jiehu fi ftit minuti. It-Trattazzjoni tal-konsulent legali tar-rikorrent kompliet billi semma' li l-prestazzjoni tar-rikorrent kienet ukoll abbinata mall-ammont tal-bejgh. In oltre, Dr. Lia jaghmel referenza ghall-ftehim ta' bejn il-partijiet u li fil-parti fejn hemm stipulat l-ippremjar meta impjegat (*sales*

[26] Trattazzjoni finali ta' Dottor Alessandro Lia - Seduta 22 ta' Mejju 2018.

*person*) jilhaq ic-cifra ta' €14,000 f'bejgh f'xahar, u li ghal dan kien hemm kummissjoni ta' 1%, u 1.5% jekk il-bejgh ikun aktar minn €14,000[27].

Ir-rapprezentant legali tar-rikorrent ghamel referenza ghall-affidavit tar-rikorrent fejn elenka xahar b'xahar il-bejgh li kien ghamel ir-rikorrent u li dejjem qabez il-mira stabbilita ta' €14,000 imsemmija fil-ftehim. Fil-kuntratt ta' mpieg qatt ma giet imnizzla xi mira pre-stabbilita u li jekk kien hemm xi tip ta' mira pre-stabbilita din missha tnizzlet fil-kuntratt ta' mpjieg u li kien jaghti raguni valida ghat-terminazzjoni sostna Dr.Lia.

l-Avukat Lia ssottometta li s-Socjeta` ntimata kellha pozizzjoni aktar b'sahhitha sabiex tkun tisa' tinnegozja mar-rikorrent li gurnata wahda biss minn meta jittermina l-perjodu ta' prova, r-rikorrent jigi rinfaccjat b'din id-decizjoni, u cioe` jew li jigi estiz il-perjodu ta' prova jew li jitkecca.

In oltre, Dr. Lia kompla jitratta dwar il-*quantum* tal-kumpens li kellu jiehu r-rikorrent u hawnhekk gie spjegat li r-rikorrent kien ezebixxa nota li fiha hemm *payslips* kemm mas-socjeta` Cutajar Ltd, kemm tal-impjieg mall-Qrati Malta, ma' Express Trailers u kif ukoll ma' Environment Landscape Consortium (ELC).

L-Avukat Alessandro Lia sostna li l-impjieg mall-Qrati kien biss ghal perjodu tas-sajf u li kien bhala *casual substitute clerk*, fejn ir-rikorrent kellu paga ta' €1100 gross fix-xahar. Ma' Express Trailers ir-rikorrent kellu €900 fix-xahar u mall-ELC ir-rikorrent ghandu €10,000 *gross* circa fis-sena, u cioe` madwar €192.30c fil-gimgha.

Dr. Lia sostna li skont kalkoli li saru r-rikorrent kellu medja ta' €1161.07 *gross* fix-xahar meta kien impjegat mas-Socjeta` ntimata. Illi skont Dr. Lia kull ammont mitluf minhabba t-terminazzjoni ngusta da parti tas-Socjeta` ntimata ghandu jigi llikwidat a favur ir-rikorrent. In oltre, sostna l-avukat Alessandro Lia, s-Socjeta` ntimata lanqas ma onorat l-estensjoni u dan peress li bhala *notice period* ir-rikorrent inghata gimgha biss, a bazi tas-sitt xhur perjodu ta' *probation* u mhux gimghatejn. Ghalhekk ir-rikorrent qieghed ukoll jesigi li jinghata din il-gimgha ukoll[28].

Ir-rapprezentanta legali tas-Socjeta` ntimata, Dr. Christine Calleja ghamlet kontro-replika fejn irrimarkat li dak li ghamlet is-socjeta` Cutajar Ltd kien biss li tat opportunita ohra lir-rikorrent u dan wasal. Dr. Calleja sostniet li s-Socjeta` ma kinitx konxja li setghet testendi l-perjodu ta' prova tar-rikorrent u hawnhekk semmiet li dak li ntqal fil-laqgha bejn ir-rikorrent u l-ufficjal tas-socjta` Cutajar Ltd huwa l-klema tar-rikorrent kontra l-kelma tar-rapprezentant. In oltre, gie sottomess li l-ligi dwar il-perjodu ta' prova tistipula sitt xhur jew sena u dan skont il-pozizzjoni li jkun jokkupa persuna.

[27] Ibid.
[28] Trattazzjoni finali ta' Dottor Alessandro Lia - Seduta 22 ta' Mejju 2018.

Dr. Calleja ghamlet emfazi bejn is-sitt xhur u wara s-sitt xhur fejn sahqet li fil-perjodu ta' prova tista' tittermina minghajr ebda raguni, izda wara s-sitt xhur ma jistax jigi tterminat impieg minghajr ma jkun hemm raguni gusta u sufficjenti.

Ir-rapprezentanta legali tas-Socjeta` ntimata sahqet li mid-dokumenti ezebiti ukoll hemm indikazzjoni dwar il-prestazzjoni tar-rikorrent. Dotteressa Calleja sostniet li hemm prova ta' *tracking* tal-vettura li kien juza r-rikorrent, hemm ukoll provi dwar il-prestazzjoni u l-miri tal-bejgh li ghamel ir-rikorrent.

Dwar il-kumpens dovut lir-rikorrent, il-konsulent legali tal-kumpanija Cutajar Ltd issottometiet li r-rikorrent qieghed jippretendi kumpens li jirrifletti l-kariga li kien jokkupa mas-Socjeta` ntimata u dan allavolja r-rikorrent sab impieg mill-ewwel wara li kien spicca minn mas-Socjeta` ntimata. Fl-argument finali taghha Dottoressa Calleja irrimarkat li r-rikorrent qieghed jibbaza l-argument tieghu fuq it-telf li ghamel fuq pretensjoni ta' mpjieg li ma kienx idoneju ghalih. Hawnhekk Dotteressa Calleja ghamlet paragun meta persuna tkun tahdem bhala avukat u tigi appuntata bhal C.E.O. [29]

Wara l-kontro-replika ta' Dotoressa Calleja rega' rribatta Dottor Alessandro Lia billi sostna li l-ezempju ta' C.E.O. mhuwiex paragun gust u li dan mhux dak li qieghed jargumenta r-rikorrent. L-argument kollu hu, skont Dottor Lia, li x-xogholijiet l-ohra li kellu wara r-rikorrent huma kwazi identici, izda dwar kariga li tixraq u li tirrifletti l-pozizzjoni tar-rikorrent.

Il-konsulent legali tar-rikorrent kompla jsostni li kieku kienet vera r-raguni li r-rikorrent ma kienx qieghed ikun produttiv f'xogholu, kif xehdu s-Sinjuri Mario u Matthew Cutajar, it-terminazzjoni kienet tkun a bazi tal-prestazzjoni tieghu, u mhux jingieb l-argument li riedu jaghtu opportunita` ohra lir-rikorrent ghax qalbhom tajba.

In oltre, dwar il-prestazzjoni tar-rikorrent, Dottor Lia rrimarka li r-rikorrent addirittura kien jinforma lis-superjuri tieghu dwar il-probelmi li kien jiltaqa' maghhom kuljum. It-trattazzjoni ntemmet billi Dottor Lia sostna li din il-kwistjoni tikkoncerna sitwazzjoni fejn il-perjodu ta' prova gie mgedded sabiex is-Socjeta` ntimata tkun tista timpjega u tkecci kif joghgob lilha (*we hire and fire at our liking*)[30].

**Konsiderazzjoniet tat-Tribunal Industrijali**

Illi din il-kwistjoni ta' xoghol tikkoncerna sitwazzjoni fejn ir-rikorrent, Christian Pullicino, kien impjegat fil-kariga ta' *sales representative* mas-socjeta' kummercjali, Cutajar Ltd u li nghata kuntratt ta' mpieg (Contarct of Service), datat 3 ta' Gunju, 2013, (Dok. 'A'). Illi dan il-kuntratt ta' mpieg kien ghall-perjodu ta' sitt xhur u

[29] Trattazzjoni Finali, Kontro Replika ta' Dottoressa Christine Calleja - Seduta 22 ta' Mejju 2018.
[30] Trattazzjoni Finali, Dottor Alessandro Lia – Seduta 22 ta' Mejju 2018.

sussegwentment dan l-istess kuntratt gie estiz mit-2 ta' Dicembru, 2013, sal-1 ta' Mejju, 2014 (Dok. 'B').

Illi dan it-Tribunal jinnota li f'din il-kwsitjoni ta' xoghol hi pprenjata fuq il-perjodu ta' prova (*probation period*). Il-ligi nostrana permezz ta' Kap 452 tindika dawk l-istanti f'artikolu 36 (1) tal-imsemmi Kap, fejn hemm stipulat is-segwenti:-

> **36.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (16), l-ewwel sitt xhur ta' kull impieg taħt kuntratt ta' servizz ikun impieg bi prova, sakemm żmien iqsar ta' impieg bi prova ma jiġix miftiehem bejn iż-żewġ partijiet:

In oltre, l-proviso tal-istess artikolu jistipula li:-

> Iżda fil-każ ta' kuntratt ta' servizz, jew ta' ftehim kollettiv, dwar impjegati li jkollhom karigi tekniċi, eżekuttivi, amministrattivi jew ta' direzzjoni u li l-pagi tagħhom ikunu għallinqas id-doppju tal-paga minima stabbilita f'dik is-sena, dak iż-żmien ta' prova jkun ta' sena sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor fil-kuntratt ta' servizz jew fil-ftehim kollettiv.

Illi l-ligi Maltija ghal dak li jikkoncerna perjodu ta' prova, permezz ta' dan l-artikolu titkellem bl-aktar mod car dwar il-perjodu ta' prova, liema perjodu huwa dak ta' sitt xhur. Ghalhekk sakemm il-kariga ma tkunx wahda minn dawk stipulati fil-proviso tal-istess artikolu (36 (1)) kull perjodu iehor huwa meqjus li jmur kontra dan l-artikolu.

In oltre, minn diversi insenjamenti kemm lokali u kemm esteri dwar il-materja in dezamina u kif ukoll gurisprudenza lokali, jirrizulta li min ihaddem ghandu kull dritt li jittermina mpieg ta' persuna entro l-perjodu ta' sitt xhur minghjar ma jaghti ebda raguni.

Illi fi-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell datata 26 ta' Gunju, 2012, fl-ismijiet Charlene Vella vs Banif Bank (Malta) plc gie ritenut li:-

> Illi din il-Qorti thoss li l-kliem tal-istess kuntratt datat 5 ta' Mejju 2009 (Dok. "A") huma cari u lanqas hemm bzonn ta' ebda interpretazzjoni ghaliex iffissru dak li effettivament qed jghidu (**"George Portanier nomine vs Charles Bezzina et"** P.A. (PS) – 3 ta' Ottubru 2003); **"Suzanne Xuereb vs Gilbert Terreni"** (P.A. (RCP) – 12 ta' Lulju 2001); **"Anton Spiteri vs Alfred Borg"** (P.A. (RCP) – 30 ta' Novembru 2000); **"Emanuel Schembri vs Leonard Ellul"** (P.A. (RCP) – 30 ta' Ottubru 2001); **"Stanislao Cassar et vs Chev. Antonio Cassar"** (A.C. – 15 ta' Dicembru 1995) u cjoe' li l-impjieg tal-appellata mas-socjeta' appellanti kien pattwit li jibda mill-11 ta' Mejju 2009, u allura l-perjodu ta' *probation* skond l-istess ftehim li huwa ta' sitt xhur kellu jibda' jigi kkalkolat proprju mid-data tal-ewwel gurnata tal-impjieg tal-appellata mal-Bank appellant u ghalhekk la darba t-terminazzjoni ta' impieg taghha sar fl-10 ta' Mejju 2009, mela allura dan sar fil-perjodu ta' prova taghha, kif fil-fatt iddecieda t-Tribunal, ghalhekk ma kienx hemm bzonn la pattwalment u lanqas legalment li tinghata raguni ghal tali terminazzjoni (**"Christine Bonnici vs Is-Socjeta' Civili BDO Attard Buttigieg**

**Psaila & Co et"** (T.I. 8 ta' April 2011); **"Carmel Farrugia vs Alexandra Palace Hotel Ltd"** (P.A. (GCD) – 7 ta' Lulju 2003); **"Robert Desira Buttigieg vs Bay Street Holdings Limited"** (P.A. (JRM) – 12 ta' Gunju 2003) u b'hekk dan l-appell incidentali qed jigi michud[31].

Illi minn din id-decizjoni jidher manifestament car li fil-perjodu ta' prova, min ihaddem ghandu kull dritt li jittermina l-impieg ta' mpjegat u dan minghajr ma tinghata l-ebda raguni ghal dik it-terminazzjoni.

Ghall-kuntrarju tal-kaz odjern il-perjodu ta' prova gie mgedded gurnata qabel l-iskadenza tal-istess perjodu u waqt it-tieni perjodu ta' prova l-impieg tar-rikorrent gie tterminat a bazi li r-rikorrent ma kienx lahaq prestazzjonji mixtieqa minnu mis-Socjeta` ntimata.

Illi t-Tribunal jinnota li dak li gie argumentat mis-Socjeta` ntimata, ossia li kieku kienet taf li ma tistax iggedded il-perjodu ta' prova tar-rikorrent ma kinitx iggeddu, mhux argument li t-Tribunal ha jaccetta.

In oltre, fil-mori ta' din il-kwistjoni ta' xoghol mill-provi jirrizulta ukoll li r-rikorrent qatt ma kien inghata tahrig dwar il-mansjonjiet tieghu. L-uniku tahrig li ha r-rikorrent kien li kien ghamel perjodu qasir idur l-istabbilmenti klijenti tas-Socjeta` ntimata mas-Sur James Harrison, s-*Sales Manager* tas-socjeta` Cutajar Ltd u li sussegwentment ir-rikorrent beda jdur wahdu f'dawn l-istabbilimenti. Illi r-rikorrent ma kellu l-ebda esperjenza f'dan it-tip ta' mpjieg u li l-istess Socjeta` ntimata ma haditx in konsiderazzjoni ta' dan il-fattur li huwa ta' mportanza kbira f'dawn it-tip ta' mpjiegi.

Illi l-awtur awtorevoli fuq din il-materja, Norman Selywn isostni li:

> "Employers will have to examine very closely their personnel and recruitment policies, for mistake or a failure to handle a problem in a proper manner could lead to an expensive action being brought in the future. For if an employer selects someone for a particular job, and that person does not have the necessary experience or capability for doing it, it is likely that the employer must accept some of the blame (*Bradley v Opperman Gears Ltd*). As a result, many employers are now commencing employees on the basis of a probationary period in order to assess properly their capabilities. The empoyer has an obligation to ensure that the employee is provided with adequate facilities and support staff, **and is propery trained and supervised where necessary**[32]. Failure by the employer ton attend to these and allied matters may well mean that any shortcomings on the employee's part may not be entirely his own fault, and it could well be unfair to dismiss him in these circumstances (*Burrows v Ace Caravan Co (Hull) Ltd*)[33]".

Illi minn dak li rrizulta mill-provi tas-Socjeta` ntimata tul il-perjodu ta' prova qatt ma pprovdiet tahrig lir-rikorrent. In oltre, dan it-tahrig kien mehtieg ghar-rikorrent u dan

[31] Qorti tal-Appell- Appell Civili Numru 21/2011 – Seduta 26 ta' Gunju 2012, Charlene Vella vs Banif Bank (Mlata) plc, per Onor. Mhallef Raymond C. Pace

[32] Enfasi tat-Tribunal Industrijali.

[33] Selwyn's Law of Employment 19th Edition – Astra Emir, Oxford University Press (2016) – p. 280.

stante l-fatt li l-istess rikorrent ma kellux dik l-esperjenza necessarja f'dan it-tip ta' mpieg.

Illi dwar il-fatt li s-Socjeta` ntimata ddecidiet li fl-ahhar gurnata tal-prova tar-rikorrent, u cioe` fit-2 ta' Gunju, 2013, ggedded il-kuntratt ta' prova b'sitt xhur ohra, sal-1 ta' Mejju, 2014, u dan bl-intiza li taghti opportunita` ohra lir-rikorrent, imur kontra dak stipulat f'artikolu 36 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

Id-diretturi tas-socjeta` Cutajar Ltd kellhom kull opportunita` li jissorveljaw l-operat tar-rikorrent. In oltre, u dan il-fatt mhux ikkontestat, l-istess rikorrent qatt ma kien inghata tahrig sew f'dan il-impieg il-gdid li kellu u dan peress li kien minghajr esperjenza fl-istess impijieg.

*Multo magis*, jekk ghas-sahha tal-argument id-diretturi tal-imsemmija Socjeta` ntimata ma kinux kuntenti bir-rikorrent kellhom kull dritt sagrosant, liema dritt jemani mill-istess artikolu 36 ta' Kap 452, li jitterminaw l-impieg tieghu fil-perjodu ta' sitt xhur.

Illi l-istess awtur isostni li:

> "If an employee is told that his appointnment is subject to a probationary period of a certain length of time, this does not give him a legal right to be employed for that length of time, and the employer may lawfully dismiss him before that period has expired (Dalgleish v Kew House Farm Ltd) as long as he is given his correct contractual notice (Fosca services (UK) Ltd v Birkett)[34].

Cio` nonostante s-Socjeta` ntimata ghazlet li ggedded il-perjodu b'sitt xhur ohra, liema azzjoni mhux permissibbli ai termini ta' artikolu 36 tal-Kap 452. Illi l-argumenti kollha mressqa mis-Socjeta` ntimata huma meqjusa bhala tentattiv pwerili sabiex jiggustifikaw l-istess nuqqas taghha.

In oltre, r-rikorrent qieghed jitlob li jinghata ukoll il-hlas tal-perjodu tan-*notice* ta' sitt xhur u dan peress li r-rikorrent inghata zmien ta' gimgha biss bhala notice.

It-Tribunal ghar-rigward ta' din it-talba iqis li anke hawn is-Socjeta` ntimata naqqset meta bhala *notice period* ikkunsidrat il-perjodu ta' sitt xhur biss. Ir-rikorrent kien impjegat mas-socjeta` Cutajar Ltd ghall-perjodu ta' disa xhur, ossia mit-3 ta' Gunju, 2013, sa Marzu 2014. Illi ghalhekk il-perjodu li ghandu jittiehed huwa dak ta gimghatejn u dan ai termini ta' artikolu 36 (5) tal-Kap 452.

## Kumpens

Illi ghaldaqstant ghar-ragunijiet moghtija hawn fuq bhala kumpens it-Tribunal, wara li ha in konsiderazzjoni l-eta` tar-rikorrent ossia wiehed u tletin (31) sena u z-zmien li r-rikorrent ghamel minghajr impjieg, liema zmien kien ta' madwar erba' xhur.

---

[34] Selwyn's Law of Employment 19th Edition – Astra Emir, Oxford University Press (2016) – p.61.

In oltre, t-Tribunal ihoss li r-rikorrent ma jistax jaghmel paraguni bejn impieg u iehor ghar-rigward tal-kommissjonjijiet (*commissions*). Kull impieg huwa differenti minn iehor specjalment fir-rigward ta' kondizzjonjiet ta' hlas ta' kommissjonijiet. Illi ghalhekk it-Tribunal mhux se jidhol fil-mertu ta' kemm seta' tilef kommissjonijiet r-rikorrent tenut kont tal-fatt li kull impieg sussegwenti li sab ir-rikorrent ma kienx jinkludi l-hlas tal-kommissijonjiet u *multo magis,* totalment differenti minn dak li kellu mas-Socjeta` ntimata. Li kieku r-rikorrent xtaq li jkollu, nkluz mall-paga tieghu, l-kommissjonjiet, ir-rikorrent seta' facilment ifittex impieg kif kellu mas-Socjeta` ntimata.

Illi dawn il-konsiderazzjonjiet mit-Tribunal qeghdin jittiehdu fid-dawl ta' zewg decizjonijiet moghtija mill-Qorti tal-Appell Civili (Kompetnza Inferjuri) fl-ismijiet, Borg Carmel vs Malta Transport Services (Operations) Ltd, deciza fid-9 ta' Marzu, 2019[35] u Marco Pisani vs The Av Warehouse deciza fil-11 ta' Frar, 2019[36], per Onorevoli Mhallef Anthony Ellul, qieghed jordna lis-Socjeta` ntimata sabiex thallas kumpens fl-ammont ta' erbat elef u hames mitt Ewro (€4,500) lir-rikorrent Christian Pullicino, liema somma ghandha tithallas fi zmien xahar mid-data tad-decizjoni odjerna.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal qieghed jistabilixxi d-drittijiet tar-rapprezentanti legali tal-partijiet fl-ammont ta' €93.17c ghal kull rapprezentant legali.

Ghalhekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
**Avv. Geoffrey Vella**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**

[35] Appell Civili 64/2017 – Qorti tal-Appell (Komptenza Inferjuri) fl-ismijiet Borg Carmel vs Malta Transport Services (operations) Ltd deciza fid-9 ta' Marzu 2019, per l-Onorevoli Mhallef Anthony Ellul.
[36] Appell Civili 90/2018 – Qorti tal-Appell (Komptenza Inferjuri) fl-ismijiet Pisani Marco vs The AV Warehouse Ltd deciza fil-11 ta' Frar 2019, per l-Onorevoli Mhallef Anthony Ellul.